MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 41/2009/1

**Edmond Espedito Mugliett u Maria Teresa Mugliett**

**v.**

**Il-Ministru tal-Gustizzja u l-Avukat Generali, u b'digriet tal-14 ta' Lulju 2009, John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard, f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Elaine gew ammessi jintervjenu fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mill-appellanti permezz tal-avukat taghhom fis-seduta quddiem din il-Qorti tas-6 ta' Dicembru 2010 li biha rrikuzaw lill-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo a tenur tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

**Fatti relevanti**

Ghalkemm il-verbal li sar ghan-nom tal-appellanti fis-6 ta' Dicembru, 2010 ma jaghtix dettalji din il-Qorti tifhem li r-raguni ghaliex l-appellanti talbu r-rikuza tal-Imhallef imsemmi hija peress li huwa kien ta s-sentenza tat-2 ta' Gunju 2006 fil-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Elaine vs Edmond Espedito Mugliett u martu Maria Theresa ghal kull interess li jista' jkollha**. L-appellanti kienu l-konvenuti fil-kawza deciza b'dik is-sentenza waqt li l-atturi f'dik il-kawza huma fost l-appellati f'dan l-appell.

Dik is-sentenza ddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut f'dik il-kawza, illum wiehed mill-appellanti, u ordnat lill-istess konvenut irodd is-somma ta' erbghin elf u hames mitt Lira (Lm40,500) flimkien ma' l-imghax fuqha minn dakinhar meta ngibdet sa dakinhar meta tintradd u bir-rata li tinghata fuq kontijiet *savings*, u ordnat ukoll illi din is-somma terga' titqieghed minnufih fil-kont bin-numru 115-0858402-0 mal-Bank of Valletta p.l.c. jew, jekk dak il-kont inghalaq, f'kont iehor f'isem il-konvenut u l-atturi bhala werrieta tan-Nutar John Patrick Hayman, b'dan illi l-flus m'ghandhomx jingibdu mill-kont fejn jitqieghdu jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew b'ordni tal-Qorti u kkundannat lill-konvenuti f'dik il-kawza jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

Il-konvenuti Mugliett appellaw minn dik is-sentenza, izda b'sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2008, il-Qorti tal-Appell ma laqghetx l-appell taghhom.

F'Lulju tal-2009, l-appellanti Mugliett fethu kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) dwar ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, izda b'sentenza tat-3 ta' Novembru 2010, it-talbiet taghhom ma ntlaqghux. Minn dik is-sentenza tressaq mill-konjugi Mugliett l-appell li ghandha quddiemha din il-Qorti illum, u li fl-atti tieghu qieghed jinghata dan il-provvediment.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi bir-rikors promotorju tal-gudizzju jidher (jinghad "jidher" ghaliex it-talba f'dak ir-rikors xejn ma hi formulata felicement) li qieghed jintalab *inter alia* li jigi dikjarat illi s-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Gunju, 2006 tikser id-drittijiet fundamentali sanciti mid-dispozizzjonijiet aktar qabel imsemmija fl-istess rikors u cioe` "l-Artikoli 37(1), 38(1) u 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni, simili ghall-Artikolu 6(1), Artikolu 8(1) u Artikolu 1 tal-Konvenzjoni" (ir-riferenza ghall-"Artikolu 1 tal-Konvenzjoni" jidher li kellha tkun ghall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni).

Ma hemmx wisq spjegazzjoni fir-rikors promotorju tar-ragunijiet li minhabba fihom is-sentenza specifika msemmija allegatament tikser l-artikoli msemmija u ma tantx hemm wisq aktar fir-rikors tal-appell quddiem din il-Qorti tant li s-sentenza msemmija ftit li xejn tissemma u f'okkazzjoni meta ssemmiet giet identifikata b'data zbaljata bhala tat-2 ta' Gunju 2003 minflok tat-2 ta' Gunju 2006. Fir-rikors promotorju tal-gudizzju jinghad li hu l-"effett komplessiv" tas-sentenzi u digrieti li jikser "l-Artikolu 1 u 6(1) u 8(1) tal-Konvenzjoni".

B'danakollu l-fatt jibqa' li din il-Qorti qed tigi mitluba li tiddikjara li sentenza moghtija minn Qorti preseduta mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo li hu membru ta' din il-Qorti kif prezentement komposta, b'xi mod tivvjola wiehed mill-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fuq imsemmija. Ghalkemm il-mertu tal-kawza deciz bis-sentenza msemmija huwa divers minn dak li jrid jigi deciz f'din il-kawza, u ghalhekk minn din l-ottika difficilment jista' jinghad li din il-kawza "ga` giet quddiem" l-Imhallef

Giannino Caruana Demajo bhala Imhallef, fl-istess waqt il-kawza deciza b'dik is-sentenza qeghdha tingieb ghall-iskrutinju kostituzzjonali u konvenzjonali ta' din il-Qorti u f'dan is-sens il-kawza illum quddiem l-istess Imhallef f'dan l-appell ga` giet quddiemu qabel. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li t-talba ta' rikuza tal-Imhallef Giannino Caruana Demajo hi fondata.

**Provvediment**

Ghaldaqstant, ghall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa' t-talba tal-appellanti ghar-rikuza tal-Imhallef Giannino Caruana Demajo, u tiddiferixxi l-appell ghad-debita surroga skont il-ligi u ghat-trattazzjoni jekk ikun il-kaz.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu riservati ghall-gudizzju finali ta' din il-Qorti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------